# Oqbra puniċi fil-Ħamrun



minn Godwin Vella B.A. (Hons.), M.B.A.

**Meta** wieħed jikkonsidra l-istorja millennarja tal-gżejjer tagħna, l-iżvilupp tal-Ħamrun preżenti jidher li hu ferm riċenti. L-ippjanar tat-toroq tiegħu u l-istil tal-maġġor parti tal-bini domestiku, reliġjuż u pubbliku li jinstab fih, jixhed li dan in-nukleju urban żviluppa matul l-aħħar nofs tas-seklu dsatax u l-ewwel snin tas-seklu li għadu kif intemm. Fil-fatt, lejn nofs is-seklu dsatax din il-lokalita' kienet mgħammra minn madwar tletin familja biss, filwaqt li fis-snin ta' qabel it-tieni gwerra dinjija l-popolazzjoni tal-Ħamrun kienet qabżet sew l-għoxrin elf persuna [1].

**Forsi** dan il-fatt jagħti x'wieħed jifhem li l-Ħamrun m'għandux sehem f'dawk li huma fdalijiet arkeoloġiċi tal-qedem. Fil-fatt, din il-kitba qasira sejra tagħti ħarsa ħafifa lejn l-oqbra Puniċi li nstabu fil-Ħamrun, u għaldaqstant tipprova ukoll tibni stampa skematika ta' l-attiva' umana f'din il-lokalita' matul dan il-perijodu storiku bikri. Madankollu, qabel ma nidħlu fis-suġġett proprju, jixraq pero', li jingħata l-isfond storiku għall-perjodu li ser jiġi trattat.

## Il-Perjodu Puniku

**Matul** it-tmien seklu qabel Kristu, il-gżejjer Maltin kellhom l-ewwel esperjenzi ta' kuntatti mal-Feniċi. Dawn kienu negozjanti u baħħara mill-iprem, li oriġinaw mill-kosta tal-Lvant tal-baħar Mediterran, u li fi żmien ftit diċenji rnexxielhom jistabilixxu kuntatt ma ħafna gżejjer u partijiet oħra mediterranji, sakemm eventwalment waqqfu diversi kolonji f'dawn l-imsemmija żoni kostali. Ta' min jinnota ukoll, li l-Feniċi żviluppaw l-alfabet, u għaldaqstant f'dawk il-postijiet li kellhom kuntatt kummerċjali magħhom, huma ntroduċew il-kitba, u ġabu t-tmiem tal-preistorja. Interessanti ukoll il-fatt, li mill-indikazzjonijiet arkeoloġiċi li għandna, is-sostituzzjoni tal-kultura Feniċa minflok dik preistorika ta' Żmien il-Bronż, kienet gradwali u paċifika fil-kuntest tal-gżejjer Maltin [2].

**Mal-medda** taż-żewġ sekli suċċessivi, sewwa sew lejn nofs is-sitt seklu qabel Kristu, il-bliet ewlenin tal-Feniċi fl-artijiet kostali tal-Lvant tal-Mediterran ġew imdagħjfa bil-bosta mill-attakki kontinwi tal-qawwa ta' l-Assirja u ta' Babilonja, bir-riżultat li dawn l-istess bliet bdew jitilfu l-importanza tagħhom, filwaqt li l-belt Feniċa ta' Kartaġni (illum il-belt ta' Tunis fit-Tuneżija), kibret ferm fl-importanza politika u kummerċjali, tant li saret iċ-ċentru waħdieni tal-bqija tal-kolonji Feniċi fiċ-ċentru u fil-Punent tal-baħar nofsani (3). Għaldaqstant, minn dan iż-żmien 'il quddiem il-kultura ta` oriġini Feniċa taħt il-kontroll politiku ta' Kartaġni bdiet tissejjaħ bħala Punika.

**Eventwalment**, l-influenza politika ta' Kartaġni fil-gżejjer Maltin tispiċċa fis-sena 218 qabel Kristu meta waqt it-tieni gwerra Punika, il-ġeneral Titus Sempronius Longus, ħakem il-gżejjer Maltin u għaqqadhom mal-provinċja Rumana ta' Sqallija. Minkejja dan, il-kultura Punika fil-gżejjer Maltin jidher li kellha għeruq fondi ġmielhom, tant li baqgħet tiffjorixxi għal diversi annati wara l-imsemmija ħakma Rumana (4).

**F'dawn** il-ftit noti dwar il-kultura Punika fil-gżejjer Maltin, ta' min isemmi ukoll li matul dan il-perjodu l-gżira ta' Malta bil-pożizzjoni strateġika u l-portjiet stupendi tagħha bdiet tistabbilixxi ruħha bħala ħolqa vitali fil-katina tal-kummerċ mediterranju. Dan l-kummerċ ġab miegħu diversi benefiċċji ekonomiċi, u l-gżira ta' Malta rat l-iżvilupp ta' żewġ ċentri urbani ewlenin (wieħed fl-inħawi tar-Rabat u l-ieħor biswit il-Port il-Kbir), flimkien ma' numru ta' nukleji rurali u stabbilimenti agrikoli oħra. Madankollu, l-aktar żvilupp kulturali sinjifikattiv ta' dan il-perijodu kien mingħajr dubju t-Tempju tas-Silġ f'Marsaxlokk, imħawwel fuq tempju preistoriku u megalitiku tat-tielet millennju qabel Kristu, u ddedikat lill Alla "Astarte" jew "Tanit". Il-perjodu Puniku ħalla warajh ukoll mijiet t'oqbra Puniċi mxerrda xi ftit jew wisq ma' Malta kollha.

## Il-Ħamrun fil-Perijodu Puniku

**Għaldaqstant**, joħroġ ċar minn din id-diskussjoni li l-lokalita' tal-Ħamrun kienet qrib ferm jekk mhux ukoll tifforma parti miċ-ċentru urban li kien fl-akwati tal-Marsa. Dan ikompli jiġi kkonfermat meta nqisu lit-tnax il-qabar Puniku li nstabu fil-Ħamrun matul is-snin. F'dan il-kuntest, fil-ktieb tiegħu "Malta Cananea: ossia investigazioni filologico-etimologiche nel Linguaggio Maltese", Annibale Preca (5) saħansitra jgħid li l-isem "tas-Samra" għandu għeruq Fenicio-Punici, ferm eqdem mid-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Atoċja bil-karniġjon tagħha samrani. Dan għaliex skond l-istess Preca l-kelma "samar", hi meħuda minn "sammar" (li tista tfisser ukoll iżżom sħiħ), u għaldaqstant tindika post strateġiku minn fejn wieħed igħasses il-movimenti

suspetti tal-għadu u fl-istess ħin jiddefendi ruħu minn hemm fuq, f'każ ta' periklu [6].

**Għalhekk**, hu jkompli jgħid li t-tumbata "tas-Samra" fil-Ħamrun kellha xi rwol notevoli fid-difiża tal-gżira ta' Malta fi żminijiet Fenicio-Punici, bħalma eventwalment seħħ matul l-imblokk tal-Franċiżi. Sabiex isaħħaħ aktar l-argument tiegħu, Preca jżid ukoll li l-belt kontemporanja tas-Samarija f'Iżrael ġiet imsejħa hekk peress li tinsab fuq muntanja. Minkejja li s'issa għadhom ma sarux skoperti arkeoloġiċi li jikkomfermaw din l-ipoteżi, irid jiġi nnutat li l-Feniċi kienu jippreferu li jgħammru fuq xi għolja jew tumbata mperrċa [7].

## L-Oqbra Puniċi

**Qabel** tingħata bidu għad-diskussjoni, irid jiġi nnutat li s-sors ewlieni li ser jiġi kkwotat f'din il-parti huwa "*Population, Land Use and Settlemet on Punic Malta*" ta` George A. Said-Zammit [8].

**Fil-maġġorparti** tagħhom, l-oqbra Puniċi jikkonsistu f'*shaft* ta' madwar ħames piedi wiesgħa u għaxar piedi fondi. Fil-parti t'isfel ta' dan ix-shaft ikun hemm apertura jew aperturi ċkejknin li jagħtu għal ġo kmamar żgħar fejn isir id-dfin. L-aċċess għall-parti t'isfel tax-shafts hu permezz ta' taraġ dejjaq ma' wieħed mill-ġnub tiegħu, jew inkella numru ta' toqob faċċata ta' xulxin sabiex wieħed ikun jista' jpoġġi saqajh ġo fihom. Ta' min jinnota ukoll, li fl-art tax-shaft titħalla bħal ħofra mdaqqsa bil-għan li l-ilma tax-xita jinġabar ġo fiha u ma jidħolx fil-kamra tad-dfin.




*Qabar puniku* [11]

**Fl-imsemmija** kmamar tad-dfin kienu jitpoġġew il-fdalijiet ta' diversi persuni, u għalhekk dawn l-oqbra kienu jintużaw aktar minn darba. F'dan il-kuntest huwa wisq probabbli li l-oqbra Puniċi

kienu jappertjenu għal familji rispettivi, u għaldaqstant kull wieħed minnhom jista' jfisser il-preżenza ta' familja [9].

**Id-dfin** kien isir taħt żewġ forom differenti – inumazzjoni (il-ġisem sħiħ), jew kremazzjoni (il-fdalijiet maħruqa tal-persuni mejta). Fil-gżejjer Maltin l-aktar forma li tidher popolari kienet dik ta' l-ewwel. Fil-fatt fit-tmienja mit-tnax il-oqbra li nstabu fil-Ħamrun kien fihom kumplessivament wieħed u ħamsin (51) inumazzjoni u seba' (7) kremazzjonijiet biss, fil-waqt li fil-każ ta' l-erba' oqbra l-oħra m'għandniex tagħrif dwar it-tip tad-dfin.

**Bħala** għeluq għal din il-kitba, irid jiġi nnutat li d-dfin kien jinkludi ukoll t-tqegħid ta' kontenituri tal-fuħħar u diversi ornamenti personali bħal braċċaletti, ċrieket u msielet. F'ċerti okkażjonijiet, il-ġisem mejjet kien jitpoġġa f'tebut ta' l-injam jew sargofagu tal-fuħħar, filwaqt li l-fdalijiet maħruqa kienu jitpoġġew ġo urna tal-fuħħar. Eventwalment, meta l-qabar kien jerġa' jinfetaħ sabiex issir difna oħra, dawn il-fdalijiet kienu jiġu mgezza f'waħda mill-kantunieri tal-kamra tad-dfin, sabiex jagħmlu spazju għad-difna l-ġdida [10].

## Referenzi


1. Guillaumier A. 1972 *Bliet u Rħula Maltin* Malta, p.134
2. Sammut Tagliaferro J. 2000 *Malta: Its Archaeology and History* Miller Distributors Ltd. – Malta, p.35
3. Trump D.H. 1972 *Malta: An Archaelogical Guide* Faber & Faber Ltd. – London, p.23
4. Gouder T.C. 1979 Phoenician Malta in *Heritage* Vol.1 No.10
5. Preca A. 1904 Malta Cananea: ossia investigazioni Filologico-Etimologiche nel Linguaggio Maltese Malta
6. ibid., p.363 & 520
7. Moscati S. 1993 Some Reflections on Malta in the Phoenician World in *Journal of Mediterranean Studies* Vol. 3 No.2, pp.286-290
8. Said Zammit G.A. 1997 *Population, Land Use and Settlement on Punic Malta* BAR International Series 682 – Oxford, p.9
9. ibid., p.15
10. Gouder T.C. 1979 Phoenician Malta in *Heritage* Vol.1 No.9
11. Caruana A.A. 1898 Ancient Pagan Tombs & Christian Cemetries in the Islands of Malta explored and surveyed from the year 1881-1897 Malta, p.6